**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tnejn 14 ta' Novembru 2016

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 52

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 52 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016 fil-5:30pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

52.5 Rapporti;

52.6 Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku fil-Qrendi;

52.7 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning 2016-2017;*

52.8 Attivitajiet relatati mal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena;

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.9 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2017;

52.10 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2017;

52.11 Xiri t'*Air Conditioner* ġdid għas-sala tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali;

52.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

52.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-52 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Abigail Sciberras |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

52.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

52.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

52.2.1 Il-Minuti tal-51 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

52.2.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti.

52.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

52.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

52.3.1 Is-Sindku David Schembri rrefera għal e-mail mibgħuta mingħand is-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 36/2016 – Templates tal-Aġenda u l-Minuti**.

52.3.2 Is-Sindku rrefera għal e-mail mibgħuta mingħand is-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari 38/2016 – Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet.**

52.3.3 Is-Sindku rrefera għal e-mail mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Email u applikazzjoni – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning 2016-2017* (Memo 4/2016).**

52.3.3.1 Qal li l-Kunsill Lokali applika sabiex jagħmel *interactive whiteboard* fis-sala, u dan ikun jista' jiġi trasferit fil-bini l-ġdid meta jitlesta'.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.3.3.2 Spjega kif jekk tiġi aċċettata l-applikazzjoni tagħna se nkunu qegħdin ningħataw €1,000 bħala finanzjament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, u l-bqija tal-flus, madwar €800, joħroġhom il-Kunsill Lokali.

52.3.4 Is-Sindku rrefera għal e-mail li waslet mingħand is-Sur Antoine Zammit, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Programm tas-Seminar dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja.**

52.3.4.1 Qal li għal dan is-Seminar attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon, fejn konna nfurmati li se ningħataw 9% aktar mill-allokazzjoni li kellna għall-2016.

52.3.4.2 Spjega kif din id-9% żieda tfisser li l-Kunsill Lokali se jkollu madwar €20,000 mill-allokazzjoni li kellu matul is-sena 2016.

52.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-Laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki organizzata mill-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali.

52.3.6 Is-Sindku rrefera għal e-mail mibgħuta mis-Sa. Josianne Cilia Mumford, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, bit-titlu **Laqgħa bejn il-Kunsilli Lokali ta' wara l-mina.**

52.3.6.1 Qal li matul din il-laqgħa, li għaliha attendew is-Sindku u l-Kunsillier Daniela Farrugia, tkellmu b'mod speċjali dwar il-klinika l-ġdida f'Ħal Kirkop, kif ukoll dwar proġetti ta' fejda, fosthom l-istat tat-toroq ta' wara l-mina.

52.3.7 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Perit Henry Attard dwar is-sejħa għall-offerti sabiex jibda l-proċess tal-bini taċ-Ċentru Amministrattiv Ġdid tal-Kunsill Lokali.

52.3.7.1 Qal li minbarra lill-Perit Attard, tkellimna wkoll mal-Inġinier Joahnn Aloisio minħabba s-sistema tad-dawl li hemm bżonn f'dan il-proġett.

52.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-Konferenza Annwali organizzata mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi, u qali li fiha ġew diskussi l-*best practices* li jridu jiġu adottati mill-Kunsilli Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.3.9 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret ma’ Din l-Art Ħelwa u l-ERA, fejn ġie diskuss it-tisbiħ ta’ Wied iż-Żurrieq u kif din iż-żona turistika tista’ tiġi żvillupata aħjar.

52.3.9.1 Qal li kemm Din l-Art Ħelwa u anke l-ERA jixtiequ li fiż-żona fejn kienu jsiru l-isparaturi, ir-ramel jitneħħa sabiex dan il-lok jissebbaħ.

52.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali fil-programm *European Destination of Excellence Network* (EDEN).

52.3.10.1 Qal li l-Kunsill Lokali kien rappreżentat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, fejn f’dawn il-laqgħat sirna nafu li nistgħu napplikaw għal dawn il-proġetti u b’hekk ikollna aktar promozzjoni fuq raħalna.

52.3.10.2 Spjega kif bħalissa huma erba’ lokalitajiet f’Għawdex u tnejn f’Malta li jinsabu jieħdu sehem u ta’ min nikkunsidraw li aħna wkoll inkunu parti minn dan il-proġett.

52.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett INTERREG u qal li issa ingħalqet l-applikazzjoni tal-BIOCentro flimkien mal-Universita’ ta’ Malta.

52.3.11.1 Fakkar li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi huwa msieħeb mal-Universita’ ta’ Malta dwar dan il-proġett, minħabba l-konnessjoni li għandna mal-baħar viċin tagħna.

52.3.12 Is-Sindku tkellem dwar interess partikolari li qegħdin juru l-villaġġ ta’ Comber mill-Irlanda ta’ Fuq, dwar il-Festival Agrarju tal-Patata.

52.3.12.1 Qal li dawn qegħdin jaraw il-*best practices* tagħna sabiex ikunu jistgħu jimxu fuq dak li nagħmlu aħna u anke ssuġġerixxa li fil-futur nippruvaw nagħmlu ġemellaġġ ma’ dan il-villaġġ.

52.3.12.2 Spjega kif jekk nidħlu f’ġemellaġġ ma’ dan il-villaġġ inkunu nistgħu nużaw mezzi tat-trasport li huma irħas min-normal, speċjalment meta nagħmlu l-ewwel żjarat tagħna f’dan il-villaġġ.

52.3.13 Is-Sindku tkellem dwar l-Ambaxxatur/riċi taż-Żgħażagħ għall-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.3.13.1 Qal li s-Sa. Abigail Sciberras se jispiċċalha t-terminu f'Diċembru li ġej u allura rridu nsibu lil xi ħaddieħor li jimla' l-post vakant tagħha.

52.3.13.2 Ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex għal-laqgħa li jmiss jaħsbu u jitkellmu ma' xi żgħażagħ sabiex naraw min hu interessat, u din il-materja tkun parti mill-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

52.3.14 Is-Sindku tkellem dwar proġett pilota li se jsir fir-Reġjun tan-Nofsinhar, fejn għall-proċess tat-tenders, persuna mill-pubbliku tkun preżenti sabiex tissorvelja dak li jkun għaddej waqt il-ftuħ u l-aġġudikazzjoni tat-tenders.

52.3.14.1 Qal li biex persuna tkun tikkwalifika li tkun rappreżentanta fuq il-bord t'aġġudikazzjoni, din trid twieġeb għal sejħa li tinħareġ mill-Kunsill Lokali.

52.3.14.2 Spjega kif fil-laqgħa li jmiss din il-materja tkun parti mill-Aġenda sabiex tkun diskussa aktar fid-dettall.

52.3.15 Is-Sindku tkellem dwar is-servizz ta' tindif tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

52.3.15.1 Qal li s'issa tkellimna ma' min qed jieħu ħsieb l-Iskema ta' Ħaddiema fil-Komunita' u għadna qegħdin nistennew risposta mingħandhom.

52.3.16 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li għaddej fir-*roundabout* ta' Triq it-Tempesta, int u dieħel il-Qrendi.

52.3.16.1 Qal li l-ġiebja tlestiet u fil-preżent qiegħda tiġi mbattma, kif ukoll ir-*roundabout* issa ħadet il-forma sew tagħha, biss jidher li għandna problema żgħira minħabba l-ipproċessar tal-applikazzjoni tad-dawl u l-ilma.

52.3.17 Is-Sindku rrefera għal e-mail mibgħuta mis-Sur Renato Camilleri, bit-titlu ***Double Yellow lines in*** **Triq iż-Żurrieq, Qrendi.**

52.3.18 Is-Sindku tkellem dwar talba li waslitlu għal *double yellow line* fi Triq San Mattew, u dan sabiex ma jipparkjawx vetturi minħabba li t-triq

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

hija pjuttost dejqa.

52.3.18.1 Qal li l-persuna li kellmitu nfurmatu li meta jkun hemm karozzi pparkjati faċċata tad-dar tagħha, meta tiġi biex iddur vettura kbira, ħafna drabi tersaq viċin ħafna tal-bankina, u mhux l-ewwel darba li jitilgħu fuqha, għad-detriment li ġieli laqtulha l-faċċata.

52.3.18.2 Ikkonferma li min-naħa tiegħu ċċekkja din il-problema u qal li verament il-bankina hija dejqa, u allura jekk xi ħadd jitla' fuqha jispiċċa mal-faċċata ta' din ir-residenta.

52.3.18.3 Ippropona li għandna nkellmu lil Transport Malta dwar dan il-każ sabiex jagħtuna deċiżjoni min-naħa tagħhom.

52.3.19 Is-Sindku rrefera għal e-mail mibgħuta mill-Kappillan Dun Glen Buhagiar, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2017 u 2018.**

52.3.20 Is-Sindku rrefera għal ittra mibgħuta mis-Sur John Vella, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, li titkellem dwar toqba għal arblu kbir fi Triq it-Tempesta.

52.3.20.1 Qal li hu ma jistax jifhem kif is-Soċjeta' trid li jsiru aktar arbli fir-*roundabout*, meta din diġa' tkun imdawra kollha kemm hi bihom.

52.3.20.2 Spjega kif fi Triq it-Tempesta diġa' hemm toqba kbira li kienet saret minn Kunsill Lokali preċedenti, u li din tinsab kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq.

52.3.20.3 Żied li minħabba l-proġett tar-*roundabout* anke l-arblu tal-Kunsill Lokali se jiċċaqlaq, u allura l-Kunsill Lokali żgur ma jistax jaċċetta li jsir xi arblu ieħor f'din l-istess *roundabout*.

52.3.20.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li nistgħu nippruvaw naslu għal soluzzjoni, u jekk dak naraw jekk huwiex possibbli li nkabbru waħda mit-toqob li hemm preżenti mar-*roundabout*.

52.3.20.5 Il-Viċi Sindku ppropona wkoll li għandha ssir laqgħa mas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes sabiex jiġu kjarifikati ċertu punti dwar din it-talba għal arblu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.3.20.6 Il-Kunsill Lokali qabel li għandna nibagħtu ittra lis-Soċjeta' Filarmonika Lourdes sabiex jippreżentaw pjanta ta' fejn jixtiequ li jiġi dan l-arblu u nimxu minn hemmhekk.

52.3.21 Is-Sindku tkellem dwar żewġ sessjonijiet li saru mill-proġett pilota *Collective Memory Archives*.

52.3.21.1 Qal li f'dawn is-sessjonijiet saru intervisti mas-Sur Ġużeppi Farrugia u mas-Sa. Maria Consiglia Abdilla.

52.3.22 Is-Sindku tkellem dwar l-inawgurazzjoni tal-*Collection of Rain Water System* miċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller.

52.3.23 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li nżammet mas-Sur Joseph Scerri sabiex tiġi diskussa l-berġa tal-lokal.

52.3.23.1 Qal li din il-berġa se tkun qiegħda titwaqqa' u sakemm terġa' tinbena u titlesta' minn kollox, is-servizzi tal-berġa' se jibdew jingħataw fil-kamra t'isfel tal-Kunsill Lokali.

52.3.24 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett *Poems in Potato Sacks* u qal li wasal iż-żmien li jintbagħtu l-ewwel poeżiji mill-iskejjel tagħna. Spjega kif din l-inizjattiva hija parti mill-proġett ta' Valletta18.

52.3.25 Is-Sindku rrefera għal ittra li rċevejna mingħand is-Sinjuri Baldaccihno, dwar talba għal parkeġġ riservat fi Triq Patri Nikol Magro.

52.3.25.1 Qal li dan huwa każ ġenwin, fejn is-Sinjuri Baldacchino għandhom tifla bi bżonnijiet differenti, u għalkemm għandhom garaxx maġenb id-dar, dan jinsab taħt l-art u allura tkun diffiċli ħafna biex itellgħuha minn hemmhekk jekk ikun hemm karozzi pparkjati quddiem il-bieb ta' barra tagħhom.

52.3.25.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta din it-talba u nibagħtuha lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.3.25.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda.

52.3.25.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 52.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

52.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk huwiex possibbli li jsir tisbiħ fiż-żona ta' Triq Loreto Sciberras.

52.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li huwa minnu li din iż-żona għandha bżonn tisbiħ, imma fil-preżent irridu noqgħodu ftit attenti minħabba li fix-xhur li ġejjin irridu nibnu kamra għall-ATM, kif ukoll se jibda l-bini taċ-Ċentru Amministrattiv ġdid tal-Kunsill Lokali.

52.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk jistax isir *patching* fi Triq San Niklaw.

52.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li apparti din it-triq, hemm bżonn isir *patching* fi Triq iż-Żelliqat u anke f'xi toroq żgħar oħra.

52.4.2.2 Qal li se nkunu qegħdin nitkellmu mal-kuntrattur sabiex jieħu ħsieb dan ix-xogħol.

52.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa dwar iċ-ċans li jsiru *zebra crossings* fi Triq it-Tempesta, fil-*by-pass* tal-Qrendi.

52.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill Lokali konna diġa' għamilna talba lil Transport Malta sabiex dawn isiru, imma t-talba ma ntlaqatx minħabba li fuq naħa waħda tat-triq, m'hemmx bankina.

52.4.3.2 Qal ukoll li apparti dan, wieħed ikun irid jara eżatt fejn se jieqfu tal-linja, minħabba li mbagħad ikunu jridu jieqfu fl-istess post, fuq naħa u oħra tat-triq.

52.4.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet f'liema fażi wasalna

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

t'installazzjoni ta' bozoz ġodda fil-Qrendi.

52.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li żgur hemm bżonn li ninstallaw aktar bozoz, b'mod speċjali fi Triq is-Siġġiewi.

52.4.4.2 Qal li f'din it-triq, b'mod speċjali kantuniera ma' Triq Misraħ is-Sinjura, kif ukoll kantuniera ma' Triq il-Modorbu, hemm bżonn li jiġu nstallati bozoz ġodda minħabba li hemm ħafna dlam.

52.4.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar il-*Clean Up Day* li tixtieq li torganizza flimkien mal-Kunsillier Daniel Farrugia.

52.4.5.1 Is-Sindku qal li dwar din l-attivita' jistgħu nitkellmu miegħu meta jridu huma, imma ovvjament, irid ikollna għallinqas idea ta' data meta din tista' ssir.

52.4.5.2 Barra minn hekk irrimarka wkoll li jrid ikun hemm pjan ta' fejn se tintefa' l-attenzjoni matul din il-*Clean Up Day*.

52.4.5.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li qabel, meta kienu jsiru *clean up days* simili kienu jgħinu l-iScouts tal-Qrendi, imma issa jidher li dan il-grupp ma jistax jgħin f'dan it-tali tindif.

52.4.5.4 Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa bejn il-Kunsillieri nteressati sabiex jiġu diskussi l-materji loġistiċi sabiex din il-*Clean Up Day* tkun tista' ssir.

52.4.6 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar Triq Sant'Anna u ppropona li f'din it-triq messha ssir tabella li turi li ma jistgħux jidħlu vetturi kbar fiha.

52.4.6.1 Is-Sindku wieġeb li avolja jaqbel miegħu fil-prinċipju 100%, xorta waħda ma tagħmilx sens li ssir din it-tabella fil-preżent meta għad hemm diversi persuni li qegħdin jibnu d-djar tagħhom, u allura bilfors ikollhom jidħlu vetturi kbar f'din it-triq.

52.4.6.2 Qal li għalkemm issir it-tabella, min ikollu bżonn jaħdem xorta waħda jispiċċa jidħol fit-triq u allura dawn ma jagħtux kas tat-tabelli, u t-tabelli jkunu qegħdin hemm għalxejn.

52.4.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa dwar it-tabella li kellha ssir fi Triq is-Salvatur kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq.

52.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li se nerġgħu niċċekkjaw mal-Koptasin sabiex nikkonfermaw meta din it-tabella se titwaħħal.

## 52.5 **RAPPORTI**

52.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-*Coffee Morning* li kien organizzat mill-Kunsill Lokali nhar il-15 ta' Novembru 2016, u qal li din l-attivita' kienet suċċess.

52.5.2 Tkellem dwar l-attivita' li jmiss u qal li s-soltu ssir mawra għal Għawdex f'Diċembru.

52.5.3 Qal li l-uniku problema li qiegħed jara hi li l-presepju ta' Bethlehem f'Għajnsielem jidher li se jiftaħ filgħaxijiet fil-*weekends* biss u biex immorru Għawdex fl-24 jew fil-31 ta' Diċembru se tkun diffiċli ħafna.

52.5.4 Żied li min-naħa tiegħu se jerġa' jipprova jiċċekkja mal-Kunsill Lokali t'Għajnsielem sabiex jikkonferma l-ħinijiet tal-ftuħ tal-presepju, imbagħad nimxu minn hemm.

52.5.5 Is-Sindku qal li m'hemmx għalfejn kull darba mmorru Għajnsielem, għax xorta waħda nistgħu norganizzaw ġurnata sabiħa, għax Għawdex ikun hemm diversi wirjiet oħra.

52.5.6 Il-Viċi Sindku ppropona li d-data tal-mawra għal Għawdex għandha tkun l-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016, u nitilqu fit-8am.

52.5.7 Tkellem ukoll dwar *Buffet Breakfast* li qiegħed jippjana li jorganizza matul is-sena li ġejja, jew fil-31 ta' Jannar inkella fl-1 ta' Frar 2017.

52.5.8 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-websajt uffiċjali tal-Kunsill Lokali u

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

qal li fadal xi ftit persuni li jridu jiffinalizzaw it-traduzzjonijiet tagħhom mill-Ingliż għall-Malti sabiex inkunu nistgħu ngħidu li din il-websajt hija lesta minn kollox.

52.5.9 Tkellem fid-dettall dwar it-tnedija tal-istess websajt u meta tista' ssir, imma se jkun qiegħed jiċċekkja xi affarijiet sabiex insibu l-aħjar żmien u metodu kif tista' ssir din it-tnedija.

## 52.6 IL-ĠBIR TAL-ISKART DOMESTIKU FIL-QRENDI

52.6.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-kollezzjoni tal-iskart domestiku u riċiklat u qal li qiegħed ikollna ħafna lmenti u problemi.

52.6.2 Qal li qegħdin jaslulna diversi lmenti li l-ħinijiet fiex ħin jibda jinġabar l-iskart huma dejjem differenti, u mhux dejjem qiegħda tintuża' l-istess rotta kif jinġabar l-iskart.

52.6.3 Żied li minn tal-inqas, darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa, qegħdin jidħlulna lmenti minn residenti differenti.

52.6.4 Fakkar li f'laqgħa li kienet saret mal-kuntrattur, kien ġie deċiż li l-ġbir tal-iskart jibda fis-7:30am, imma qed jaslulna lmenti li sa dak il-ħin diġa' jkun ġabar l-iskart ta' parti mir-raħal, b'detriment għar-residenti li jkunu joqgħodu f'dawk it-toroq.

52.6.5 Ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jibgħat ittra uffiċjali lil dan il-kuntrattur sabiex jgħarrfu li mhuwiex sodisfatt 100% bis-servizz li qegħdin nirċievu.

52.6.6 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ssekondat din il-mozzjoni.

52.6.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 52.7 SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦALL-KORSIJIET *LIFELONG LEARNING 2016-2017*

52.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li din il-materja diġa' ġiet diskussa f'Minuta 52.3.3 f'dawn l-istess Minuti.

## 52.8 ATTIVITAJIET RELATATI MAL-FESTI TAL-MILIED U L-EWWEL TAS-SENA

52.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li tkun ideali jekk bħas-snin l-imgħoddija nagħmlu l-*PA horns* fiċ-ċentru tal-Qrendi sabiex indoqqu mużika tal-Milied matul il-jiem ta' festi.

52.8.1.1 Qal li tkun ideali jekk il-mużika tibda tindaqq mill-ewwel jum tan-Novena, jiġifieri mill-15 ta' Diċembru 2016.

52.8.1.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li dawn il-*horns* għandhom jiġu nstallati bħas-snin l-imgħoddija.

52.8.1.3 Il-Kunsillier Daniela Farrguia ssekondat din il-mozzjoni.

52.8.1.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

52.8.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar id-dawl li s-soltu jintrama fi Triq Ġużè' Cassar.

52.8.2.1 Qal li din is-sena jmiss lis-Soċjeta' Filarmonika Lourdes li tarma dan id-dawl.

52.8.2.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li dan id-dawl għandu jsir bħas-soltu u jibda jinxtegħel mit-12 ta' Diċembru 2016.

52.8.2.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-mozzjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.8.2.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

52.8.3 Is-Sindku semma' wkoll il-bejgħ ta' larinġ u l-lotterija tal-presepju b'riżq id-Dar tal-Providenza.

52.8.3.1 Ippropona li bħas-sena li għaddiet, għandna nbiegħu l-larinġ minn ħdejn is-sala tal-Kunsill Lokali, kif ukoll nagħmlu l-lotterija tal-presepju u l-flus kollha li niġbru ngħadduhom lid-Dar tal-Providenza fl-1 ta' Jannar.

52.8.3.2 Ippropona wkoll li l-bejgħ ta' larinġ isir fis-17, 18, 24 u 31 ta' Diċembru 2016.

52.8.3.3 Is-Sindku David Schembri ppropona din il-mozzjoni.

52.8.3.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ssekondat din il-mozzjoni.

52.8.3.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-mozzjoni.

## 52.9 <u>AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2017</u>

52.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li rridu nibdew naħsbu fil-persuni li se jkunu qegħdin jiffurmaw il-Bord t'Aġġudikazzjoni għal Ġieħ il-Qrendi 2017.

52.9.1.1 Qal li hu qiegħed jipproponi lis-Sinjuri Salvino Zammit u Joe Grixti sabiex ikunu parti minn dan il-Bord.

52.9.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona lis-Sinjuri Bernardette Azzopardi u Christopher Buttigieg sabiex anke huma jkunu parti minn dan il-Bord.

52.9.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet lis-Sur Charles Polidano.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.9.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona lin-Nutar Vassallo Agius sabiex ikun parti minn dan il-Bord, imma qal ukoll li għadu jrid ikellmu sabiex jara jekk jaċċettax.

52.9.5 Wara li tressqu dawn l-ismijiet ġie deċiż li din il-materja se tkompli tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

## 52.10 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2017</u>

52.10.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-ewwel laqgħa tas-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2017 se ssir it-Tlieta 22 ta' Novembru 2016.

51.10.2 Qal li aġġornament dettaljat dwar x'ġie diskuss f'din il-laqgħa li se ssir għada, se jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 52.11 <u>XIRI T'*AIR CONDITIONER* ĠDID GHAS-SALA TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL LOKALI</u>

52.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li wasal iż-żmien li jinbidel l-*air conditioner* tal-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali.

52.11.2 Spjega kif l-*air conditioner* preżenti għandu ħafna żmien u qiegħed jagħmel ħafna ħsejjes li jimpedi smiegħ tajjeb lil dawk li jinteressaw ruħhom sabiex isegqu l-laqgħat tal-Kunsill Lokali.

52.11.3 Apparti minn hekk, żied li minħabba li dan l-*air conditioner* ilu li ġie nstallat, probabbli qed jaħli aktar dawl minn dawk li nsibu fil-preżent.

52.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq diversi kwotazzjonijiet li ġabar mingħand kumpaniji u ħwienet differenti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.11.5 Mit-tnax(12)-il kwotazzjoni li tressqu fuq il-mejda, ġie deċiż li jintgħażel l-*air conditioner* tad-ditta Airwell, *inverter Class A++ (24,000 BTU)* għas-somma ta' €1,090.00.

52.11.6 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li dan l-*air conditioner* għandu jinxtara mill-aktar fis.

52.11.7 Il-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondat din il-proposta.

52.11.8 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 52.12 <u>KUNSIDERRAZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

52.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €15,954.65 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 11/16 u €44.92 skont il-*Petty Cash* Ref T/10.

52.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

52.12.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

52.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 52.13 <u>TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS</u>

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

52.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru 2016 fid-9am.

52.13.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona l-ħin ta' din il-laqgħa.

52.13.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta.

52.13.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-ħin propost għal-laqgħa li ġejja.

____________________ __________________

**Chris Falzon** **David Schembri**

**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**